MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 356/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**Vs**

**Joseph Martin Borg (ID 724262M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-ammont ta' erbat elef u tlettax-il Euro wiehed u hamsin centezmu (€4,013.51) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-konvenut stess abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikonti annessi mal-avviz u mmarkati bhala Dok A sa Dok D). Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv , izda il-konvenut baqa inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentati mal-avviz, u bl-imghax

legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-avviz a fol 2 sa fol 5 tal-atti u markat minni Dok A sa Dok D.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Settembru 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4,013.51 bl-imghax legali mill-hamsa (5) ta' Ottubru 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorju ta' sekwestru u ta' qbid tal-5 ta' Ottubru 2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------